TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 356/11/GZ

**Andrea Trunzo**

**vs**

**Arriva Malta Ltd**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00), rapprezentanti l-prezz li hallas sabiex ghamel 'top up' fuq l-arriva card tieghu, pero' li liema card qatt ma kien fil-fatt gie 'topped up'.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Huwa ghandu 'Arriva saver card' u fis-6 ta' Lulju 2011 huwa kien ipprova jittopja l-imsemmija card online fuq arriva.com.mt. Meta pprova jaghmel hekk, l-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00) tnaqqaslu mill-kont bankarju tieghu, pero' l-card fir-realta' qatt ma giet 'topped up'. Wara diversi attentati sabiex jottjeni r-rifuzjoni ta' dan l-ammont, huwa baqa' ma giex rifuz dan l-ammont.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-fatt li l-imsemmi ammont qatt m,a giex rifuz lilu, u ghalhekk huwa qed jitlob ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00) flimkien ma' l-ammont ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00) bhala kumpens ghall-inkonvenjenza u l-hin tieghu.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba hija intempestiva stante li l-kumpannija ma gietx interpellata biex tirrifondi l-ammont in kontestazzjoni.

Fi kwalunkwe kaz, l-ammont gie rifuz lir-rikorrent qabel ma nfethu l-proceduri, permezz ta' cheque.

It-talba ghal kumpens ghall-inkonvenjent hija bla bazi, sproporzjonata, billi kull ma kellu jaghmel ir-rikorrent kienet telefonata wahda.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' 'cheque request form' u 'ticket refund claim form', minn liema jirrizulta carament, li l-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00) gie rifuz lir-rikorrent fil-21 ta' Lulju 2011.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, billi stqar li meta kien accessa l-website sabiex jipprova jaghmel 'top up' fuq il-card tieghu, xi haga mar hazin u ttehdulu l-flus pero' l-card ma giex ittopjat. Huwa kien ipprova jaghmel kuntatt mas-socjeta' ntimata, pero' huwa qatt ma sema' xejn minghandha hlief li fl-ahhar is-socjeta' qaltlu li kienet ser tirrifondilu l-flus permezz ta' cheque, pero' dan ha zmien mhux hazin.

Ir-rikorrent kompla jixhed illi kien hela hafna hin fuq it-telefon mas-socjeta' ntimata u li ghalhekk, allavolja huwa fil-fatt kien ircieva cheque fl-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00) wara li kienu nfethu dawn il-proceduri, huwa xorta wahda qed jitlob kumpens fl-ammont ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00) ghat-telf ta' hin u l-inkonvenjenza.

Ir-rikorrent ezebixxa kopji tal-korrespondenza tieghu mas-socjeta' ntimata flimkien ma' kopja tac-cheque li rcieva mis-socjeta' ntimata fl-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00), datat 19 ta' Awissu 2011.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat li r-rikorrent kien fil-fatt gie rifuz l-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00), u stqarret illi d-dewmien kien minhabba l-fatt li l-kumpannija hija wahda gdida u li kellha ftit 'teething problems' tal-bidu, pero' li issa kollox miexi sew.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li r-rikorrent gie rifuz l-ammont ta' sitta u ghoxrin Ewro (€26.00), liema ammont kien l-ammont a bazi ta' liema saret din it-talba; u flimkien mal-konsiderazzjoni li d-dewmien ghar-rifuzjoni kien ta' biss ftit gimghat stante l-fatt li l-kumpannija kienet wahda gdida bil-problemi teknici li wiehed jistenna fil-bidu ta' kull venture gdid, qed isib it-talba ghal kumpens tar-rikorrent fl-ammont ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00) manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**